# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**
**ONOR. GEOFFREY VALENZIA B.A., LL.D.**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 30 ta' April, 2001.**

**Numru 29**

**Citaz. Nru. 1702/98GV**

**Doc. Nru. 73-01**

**Joseph Camilleri f'ismu proprju u bhala mandatarju tal-assenti huh Anthony Camilleri u tal-assenti kugini tieghu Elena sive Eileen Cachia, mart iddivorzjata minn Anthony Guerra, Joseph Cachia, David Cachia u ta' Julie Anne mart Frank Zammit; Alfred Cachia f'ismu propju u bhala mandatarju tal-assenti huh Patrick Cachia; Maria mart Pawlu Mifsud; Rosario Camilleri, Jesmond Camilleri, Sylvia mart John Persiano u Maria Victoria sive Marvic mart Kevin Abela, kif ukoll Pawlu Mifsud, John Persiano u Kevin Abela ghal kull interess li jista' jkollhom.**

**vs**

**Victor Cachia u Carmelo sive Charles Cachia**

**Il-Qorti,**

**PRELIMINARI**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz taghha gie premess illi fit-8 ta' Lulju, 1972 mietet Antonia Cachia, omm jew nanna rispettivament tal-kontendenti, testata b'testment '*unica charta'* tal-4 ta' Lulju, 1961, fl-atti tan-Nutar Dottor George Borg Olivier u (Dok. D), fejn kienu gew nominati eredi universali s-seba' (7) ulieda kollha: Gieseppe, Teresa sive Tessie, illum it-tnejn mejtin u l-atturi Alfred, Patrick u Maria mart Pawlu Mifsud u l-konvenuti Victor

Cachia u Carmelo sive Chales Cachia, fi kwoti ugwali bejniethom, u cioe' allura settima parti (1/7) kull wiehed u wahda minnhom;

Premess ukoll illi fis-7 ta' Frar, 1994, miet Giuseppe sive Joseph Cachia (Dok. E) u l-wirt tieghu ddevolva fuq l-erba' uliedu: l-atturi Elena sive Eileen mart iddivorzjata minn Anthony Guerra, illum Cachia, Joseph Cachia, David Cachia u Julie Anne mart Frank Zammit, in forza tal-ligi; li ghalhekk ghandhom parti minn tmienja u ghoxrin (1/28) kull wiehed u wahda minnhom mill-imsemmi wirt;

Premess illi fis-16 ta' Novembru, 1996, miet Salvatore Cachia (Dok. I) armel tal-imsemmija mejta Antonia Cachia u skond ir-ricerki tat-testmenti pubblici u sigrieti tieghu (Dok. J u K) il-wirt tieghu ukoll kellu jigi regolat bit-testment '*unica charta*' tieghu ma martu Antonia Cachia li premorietu, tal-4 ta' Lulju, 1961 (Dok. D) fuq imsemmi, u dana ghaliex b'testment tieghu tal-4 ta' Dicembru, 1975, fl-atti tan-Nutar Dottor Frank X. Dingli (Dok. L) hu kien irrevoka, hassar u annulla testment iehor minnu maghmul fis-17 ta' Gunju, 1975 fl-atti tal-istess nutar u kkonferma totalment it-testment tieghu principali '*unica charta*' fuq imsemmi, u ghalhekk il-wirt tieghu ghadda kwantu ghal sehem ta' sest (1/6) kull wiehed fuq uliedu Theresa sive Tessie mart Rosario Camilleri, Alfred, Patrick, Maria mart Pawlu Mifsud u l-konvenuti Victor Cachia u Carmelo sive Charles Cachia, u kwantu ghal sehem minn tmienja u ghoxrin (1/28) fuq kull wiehed mill-eredi ta' Giuseppe sive Joseph Cachia, imsemmija fit-tieni paragrafu;

Premess illi wkoll fid-29 ta' Novembru, 1997, mietet Teresa sive Tessie mart Rosario Camilleri (Dok. N) u skond it-testment taghha tat-22 ta' Frar, 1996 (Dok. Q) hi halliet l-uzu u l-uzufrutt generali tal-assi taghha kollha lil zewgha Rosario Camilleri u nnominat bhala eredi universali taghha f'ishma ndaqs bejniethom lill hamest ulied taghha, l-atturi Joseph, Anthony, Sylvia mart John Persiano, Jesmond u Maria Victoria sive Marvic mart Kevin Abela, lkoll ahwa Camilleri, li allura wirtu sehem ta' wiehed minn hamsa u tletin parti (1/35) kull wiehed mill-wirt tan-nanniet taghhom materni

l-imsemmija Antonia u Salvatore Cachia, soggett ghall-uzufrutt favur missierhom l-attur Rosario Camilleri;

Premess illi parti mill-wirt tal-imsemmija Antonia Cachia u Salvatore Cachia, principalment konsistenti f’zewg fondi u garages attigwi bl-ismijiet Sunset House, Sonny Boy House, Victoria Garage u Sonny Boy Garage u bla numru go Notary Debono Street, Naxxar ghadhom in komun u ghad ma gewx divizi u mhux komodament divizibbli;

Premess illi l-atturi ma jridux li jibqghu aktar in komunjoni fil-beni tal-wirt tal-imsemmija Antonia u Salvatore Cachia u jridu li dan il-wirt jinqasam bejniethom skond il-kwoti rispettivi taghhom fuq immsemija;

Ghaldaqstant l-atturi talbu lil din il-Qorti ghar-ragunijiet premessi:-

1. Jigu likwidati l-assi ereditarji rispettivi tal-mejta Antonia Cachia u zewgha Salvatore Cachia bhala konsistenti f’dawk il-beni li se jirrizultaw waqt it-trattazzjoni, billi xi beni gja’ gew divizi bonarjament;

2. Dawn l-assi ereditarji, stante li l-werrieta huma l-istess, ghandhom jigu divizi u assenjati lill kontendenti f’dawk il-kwoti kif hawn fuq indikati jew kull kwota ohra verjuri li tista’ tirrizulta mit-trattazzjoni tal-kawza;

3. F’kaz illi jirrizulta li l-beni rimanenti m’humiex komodament divizzbli din il-Qorti ghandha tordna l-bejgh b’licitazzjoni tal-istess beni ereditarji, bl-ammissjoni tal-oblaturi estranei. Okkorrendo bl-opera ta’ periti nominandi;

4. Tordna li l-rikavat minn tali bejgh b’licitazzjoni jigi assenjat u diviz bejn il-kontendenti fil-kwoti hawn fuq indikati jew fi kwoti ohra verjuri li jirrizultaw waqr il-kawza;

5. Tordna, biss jekk ikun il-kaz, il-pubblikazzjoni tal-att ta’ divizjoni opportun, fil-jum, hin u post li jigi minnha ffissat u tinnomina Nutar Pubbliku

biex jircevi kull att ta' divizzjoni opportun u kuraturi biex jirrapprezentaw lill eventwali kontumaci fuq l-istess att, jekk dan ikun mehtieg;

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra ufficjali tat-13 ta' Ottubru, 1997 u dawk ta' tlett (3) ittri legali (Lm15) kontra l-konvenuti.

Rat id-dikjarazzjoni tal-atturi a fol. 3 tal-process;

Rat id-digriet a fol. 54 li bih il-Qorti ordnat l-isfilz tan-nota ta' eccezzjonijitt tal-konvenuti billi kienet *fuori termine*;

Rat id-digriet a fol. 59 li bih gew nominati bhala periti Dr. C. Vassallo u l-Perit F. Doublet;

Rat ir-rapporti taghhom a fol. 150 u 178;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti ezibiti;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

**KONSIDERAZZJONIJIET**

Din l-azzjoni hija l-*actio familiae erciscundae* tad-dritt Ruman li ghandha l-iskop il-likwidazzjoni u divizjoni ta' l-assi tal-genituri u d-determinazzjoni tal-kwistjonijiet kollha rigwardanti l-istess assi. F'dan il-kaz it-tliet ulied min sebgha ta' Salvatore u Antonia Cachia, u l-ulied taz-zwieg ulied il-mejta Giuseppi u Teresa, qed jitolbu l-likwidazzjoni u divizjoni tal-assi ta' Salvatore u Antonia Cachia, u okkorrendo l-licitazzjoni u dan kontra l-konvenuti Victor u Charles Cachia, iz-zewg ulied l-ohra ta' l-istess konjugi Cachia.

**Assi**

Il-beni ta' l-ereditajiet jikkonsistu f'immobbli, ghamara u ghodda. Billi l-eredi ta' l-omm u tal-missier huma l-istess, ma hemmx ghal fejn issir il-likwidazzjoni tal-komunjoni ta' l-akkwisti, u minhabba n-natura tal-beni li fadal, lanqas ma hemm bzonn il-likwidazzjoni separata ta' l-assi tal-missier minn tal-omm u huwa prattiku li l-beni jigu trattati bhala massa wahda in divizjoni.

Dawn il-beni jikkonsistu f'immobbli, ghamara u ghodda.

Dwar **depoziti bankarji**, lill perit legali irrizultalu li dawn gew zbankati u divizi bejn il-partijiet.

**Dwar il-flus** li kien hemm id-dar, Salvatore Cachia kien halla Lm600 flus id-dar f'idejn Alfred Cachia u dan kien qassamhom lill-eredi u kulhadd ha sehemu.

**Dwar il Lm279** li l-konvenut Charles Cachia jghid li nefaq ghall bieb tal-garage, il-perit ikkonkluda li Cachia m'ghandux dritt idur ghalihom fuq hutu ghal sehemhom billi jekk il-missier ried jimponi dan il-hlas fuq it-tfal wara mewtu messu nizzel din ix-xewqa fit-testment - Artikolu 588 tal-Kap 16.

**Kwoti**

L-eredi ta' Salvatore u Antonia Cachia huma l-ulied taghhom u d-dixxendenti ta' l-ulied mejta. Il-perit legali ndika l-kwoti rispettivi a fol. 196 tal-process u rrefera ghall albero geneologico Dok X a fol. 138.

**Immobbli**

L-immobbli li ghandhom il-partijiet jikkonsistu fil-postijiet: Sonny Boy House; Sonny Boy Garage; Sunset House u Victoria Garage.

**Drittijiet ta' lokazzjoni fuq dawn il-postijiet**

Il-perit legali kkonkluda li l-post **Sonny Boy House** mhux soggett ghall kirja u ta' r-ragunijiet tieghu li jinsabu a fol. 193/194 u l-Qorti tikkondividi din il-konkluzzjoni. Il-fond **Sonny Boy Garage** hu soggett ghal kirja ta' Lm330 fis-sena lill Charles Cachia. **Sunset House** tinsab mikrija lill Mary Mifsud ghal Lm25 fis-sena. **Victoria Garage** jinsab mikri lill Victoria Cachia ghal Lm120 fis-sena.

**Ghamara**

L-ghamara giet elenkata minn Charles Cachia a fol. 70-71.

**Mod ta' Divizjoni.**

L-erba' immobbli m'humiex komodament divizibili u ghalhekk trid issir licitazzjoni. Dawn l-immobbli gew deskritti u stmati mill-perit F. Doublet (ara relazzjoni a fol. 150 et seq u valutazzjonijiet a fol. 170/1).

Trid issir deskrizzjoni ta' l-ghamara u l-ghodda mbaghad tigi stmata u wara jsir pjan ta' divizioni. Jekk dan ma jistax isir, ghandha ssir licitazzjoni skond il-kwoti kif indikati.

Dwar is-sehem ta' ulied Teresa Camilleri li hu soggett ghall uzufrutt favur Rosario Camilleri, meta ssir il-licitazzjoni, dan ghandu jiehu l-valur ta' dan l-uzufrutt mir-rikavat ottenut bhala effett tal-licitazzjoni u dan skond il-percentwali ndikata a fol 196 u l-valur ta' l-uzufrutt li tah il-perit tekniku a fol. 168 u 169 para. 13:3 u 13: 4.

**DECIZJONI**

Ghal dawn il-motivi l-Qorti prevja l-adozzjoni tal-konkluzzjonijiet peritali tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet attrici, tillikwida l-assi ereditarji ta' Salvatore u Antonia Cachia bhala konsistenti fl-assi msemmija mill-perit (immobbli a fol. 197) (ghamara a fol. 70/71 u ghodda a fol. 197);

tiddeciedi li l-assi ghandhom jigu divizi u assenjati lill-kontendenti fil-kwoti imsemmija mill-istess perit a fol. 196;

billi l-immobbili m'humiex komodament divizibbili tordna li dawn jinbieghu b'licitazzjoni bl-ammissjoni tal-oblaturi estraneji;

l-ghamara u l-ghodda ghandha tigi diviza bil-kwoti kif fuq indikati u f'dak il-kaz issir b'att pubbliku izda jekk ma jkunx possibbli dawn ghandhom jinbieghu b'licitazzjoni;

tordna li r-rikavat minn dan il-bejgh b'licitazzjoni jigi assenjat u diviz bejn il-kontendenti fil-kwoti fuq indikati;

Dwar is-sehem ta' ulied Teresa Camilleri li hu soggett ghall uzufrutt favur Rosario Camilleri, meta ssir il-licitazzjoni, dan ghandu jiehu l-valur ta' dan l-uzufrutt mir-rikavat ottenut bhala effett tal-licitazzjoni u dan skond il-percentwali indikata a fol. 196 u l-valur ta' l-uzufrutt li tah il-perit tekniku a fol. 168 u 169 para. 13:3 u 13: 4.

Bl-ispejjez gudizzjarji li ghandhom jithallsu mill-partijiet skond il-kwoti rispettivi mill-ereditajiet in kwistjoni.

**ONOR. IMHALLEF GEOFFREY VALENZIA B.A., LL.D.**

**Frankie Mercieca**

**DEPUTAT REGISTRATUR**